

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 108/2011

tat-30 ta' Settembru 2011

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikulari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 89/2011 tal-1 ta' Lulju 2011 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1151/2010 tat-8 ta' Diċembru 2010 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar, fir-rigward tal-modalitajiet u l-istruttura tar-rapporti ta' kwalità u l-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta <sup>(2)</sup>, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 18yb (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1201/2009) tal-Anness XXI tal-Ftehim:

"18yc. **32010 R 1151**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1151/2010 tat-8 ta' Diċembru 2010 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar, fir-rigward tal-modalitajiet u l-istruttura tar-rapporti ta' kwalità u l-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta (ĠU L 324, 9.12.2010, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 1151/2010 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Kurt JÄGER

<sup>(1)</sup> ĠU L 262, 6.10.2011, p. 61.

<sup>(2)</sup> ĠU L 324, 9.12.2010, p. 1.

(\*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali indikati.